# ST FRANCIS SCHOOL – B'KARA
# PARENTS TEACHERS ASSOCIATION
## LAQGHA GENERALI ANNWALI

Għeżież Ġenituri,

Merhba lil Kulhadd!

L-ewwelnett f'isem il-Kumitat kollu tal-PTA, nagħtukom merħba għal sena ġdida skolastika. Merħba speċjali tmur għall-ġenituri ta'l-istudenti l-ġodda li qed jattendu l-iskola 'tagħna'. Sejjaħtilha hekk għax fi spirtu ta' kollaborazzjoni ma'l-amministrazzjoni, l-ghalliema, nemmnu li nistgħu nagħmlu differenza kbira fil-livell ta' edukazzjoni ta' wliedna  L-irwol tal-ġenituri allura huwa wieħed importanti ħafna, għax normalment l-istudenti jimxu iżjed 'l quddiem, meta dak li jitgħallmu l-iskola jiġi kumplimentat fl-ambejnt li jsibu d-dar. U min ma jridx l-aqwa ghall-uliedu?!

**1. Laqgha Generali Annwali**

Skond l-istatut tal-PTA, darba fis-sena il-Kumitat irid isejjah il-Laqgha Generali Annwali, sabiex fiha jaghti rendikont tal-ħidma tiegħu, kif wkoll jiġi elett kumitat ġdid. Din il-laqgha fil-fatt sejra ssir fl-iskola nhar is-Sibt**, 6 ta' Novembru 2010**. Din is-sena ser nipproponu tibdila fil-format tal-laqgħa. In fatti fis-6:00PM ser ikollna quddiesa minn Fr Tony Briffa – id-Direttur Spiritwali ta'l-iskola – imbagħad ssegwi il-laqgħa b' din l-aġenda:

1. Talba
2. Rapport Amministrattiv
3. Rapport Finanzjarju
4. Messaġġ tal-President
5. Diskussjoni u suġġerimenti
6. Messaġġ tal-Head
7. Ħatra ta' Kummissjoni Elettorali
8. Preżentazzjoni tal-Kandidati
9. Elezzjoni
10. Konklużjoni

Wara li tispiċċa l-laqgħa ser ikollna bibita zgħira. Għaldaqstant min hu ġej, jekk jogħgobkom, nitolbukom timlew il-Formola ta' Partecipazzjoni sabiex inkunu nafu għal kemm irridu naħsbu nies. Importanti li nsemmu, li għal din il-laqgħa huma permessi li jattendu u jivvutaw biss il-ġenituri / *guardians* li hallsu il-membership tal-PTA (ovvjament flimkein mat-tfal studenti u l-ahwa).

Nikkalkulaw li jispiċċa kollox sat-8:30PM. Din is-sena wkoll ser ikollkom wkoll l-opportunita` li taraw xi pjanti mill-proġett tal-playground li jekk il-Bambin irid ser jingħata bidu matul Novembru.

St Francis School - PTA, 16 Mnajjar Str, B'Kara BKR 05.  Tel: 21442205; Fax: 21489320;  email: stfranbk@maltanet.net

**2. Sejha Ghall-Kandidati ghall-Elezzjoni tal-Kumitat tal-PTA 2010/11**

Ma' dan l-avviż qed issibu wkoll il-formoli għall-kandidatura fl-elezzjoni tal-Kumitat. Nħeġġu ħafna sabiex ikun hawn aktar ġenituri li jkunu lesti jagħmlu sagrifiċċju ċkejken u dan ghall-iskopijiet li semmejna iktar qabel.

Aħna llkoll ġenituri, u lkoll nifhmu u napprezzaw it-taħbit li tesiġi l-familja, imma il-ftit impenn ċkejken minn kulħadd jista' jagħmel differenza kbira. Kulħadd kemm u fejn jista`. X'jinvolvi?

- Il-Kumitat tal-PTA huwa magħmul fil-maġġor parti tiegħu minn rappreżentanti tal-ġenituri, flimkien mal-head ta'l-iskola u rappreżentantza mill-għalliema.
- Jiltaqa' bejn wiehed u iehor darba fix-xahar
- Il-laqgħat isiru fil-għaxija ġewwa l-iskola
- Nagħtu daqqa t'id fejn jinħtieġ fl-attivitajiet jew bżonnijiet ta'l-iskola
- Jiddiskuti xi diffikultajiet li jkunu qed iħabbtu wiċċhom magħhom l-istudenti
- Jorganizza attivitajiet ta' fund raising, sabiex ikunu jistgħu jiġu finanzjati proġetti u attivitajiet ta'l-iskola

Iżda importanti li ngħidu wkoll li l-Kumitat mhux qiegħed hemm biex jindaħal fit-tmexxija ta'l-iskola.

Fl-istess waqt nieħdu din l-okkażjoni wkoll biex insejħu lill-dawk li jistgħu jagħtu daqqa t'id lill-Iskola speċjalment waqt il-ġurnata. Fiċ-ċirkostanzi tal-lum, din it-tip t'għajnuna naqset ħafna għalhekk ninkuraġixxu li kull min jista' jagħti daqqa t'id.

- Grupp ta' ġenituri (nisa u anke rġiel) li jkunu jistgħu jagħtu daqqa t'id fl-attivitajiet ta'l-iskola/PTA, speċjalment dawk ta' matul il-ġurnata.
- Ix-xogħol jista' jvarja minn: akkumpanjament ma' l-istudenti waqt il-harġiet ta'l-iskola, għajnuna waqt l-attivitjajiet ta'l-iskola (eż carnival, sports day, etc), xogħol ta' manutenzjoni u servizzi oħra li l-iskola tista' tibbenefika minnhom.
- Dan l-impenn huwa addattat ħafna għal dawk li jibqgħu d-dar, u li dawk li jaħdmu bix-shifts.

Tajjeb li ngħidu, li ħafna mill-attrezaturi moderni eż kompjuters, multipurpose hall, arranġamenti tat-traffiku madwar l-iskola u oħrajn huma kollha frott ta' din il-kollaborazzjoni bejn il-ġenituri u l-iskola.

Nisperaw li narawkom!

Inselli Għalikom,



Joe Scerri
Segretarju PTA



St Francis School - PTA, 16 Mnajjar Str, B'Kara BKR 05. Tel: 21442205; Fax: 21489320; email: stfranbk@maltanet.net